



Dokument ta' sessjoni

A9-0152/2024

25.3.2024

*****|**
RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/62/UE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar (COM(2023)0582 – C9-0382/2023 – 2023/0355(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Juan Fernando López Aguilar

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewwġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċejżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

| | |
|---|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 8 |
| ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM | 9 |
| PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI | 10 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI | 11 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/62/UE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar (COM(2023)0582 – C9-0382/2023 – 2023/0355(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0582),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0382/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għal-Libertajiet Ċibili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0152/2024),
 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal

**DEĊIJONI TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL**

li temenda d-Direttiva 2014/62/UE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar

Emenda

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL**

li temenda d-Direttiva 2014/62/UE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar

(L-emenda tapplika għat-test kollu (bl-eċċeazzjoni tan-noti f'qiegħ il-paġna): sostituzzjoni tal-kelma “Deċiżjoni” tul il-proposta kollha tal-Kummissjoni bil-kelma “Direttiva”.)

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Din id-Direttiva hija bbażata fuq valutazzjoni bir-reqqa taċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan l-strument legali u limitata għal dan il-qasam ta’ kriminalità. Hija mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġu żgurati livelli xierqa ta’ obbligi ta’ rappurtar fil-qasam tal-liġi kriminali tal-UE.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) *I“F”konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispażju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni” JEW “F”konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispażju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta’ dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.”].*

*(6) F’konformità mal-Artikolu 3 **u l-Artikolu 4a(1)** tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispażju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.*

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/62/UE tīġi emendata skont dan,

Emenda

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/62/UE tīġi emendata skont dan.
Peress li l-emenda mmirata ta' dik id-Direttiva tikkonċerna biss it-tħassir ta' obbligu ta' rappurtar, ma hemm l-ebda ħtieġa speċifika li l-Istati Membri jittrasponu l-emenda.

NOTA SPJEGATTIVA

Din il-proposta għal deciżjonili temenda d-Direttiva 2014/62/UE dwar il-protezzjoni tal-euro hija parti minn pakkett ta' proposti adottati mill-Kummissjoni li jfittxu li jirazzjonalizzaw u jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar dwar il-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" (COM(2023)168). Ir-rapporteur jista' jappoġġja bis-sħiħ l-objettiv ġenerali tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, meta dan ikun iġġustifikat sew u ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq l-objettivi ta' politika.

F'dan il-każ speċifiku, il-Kummissjoni tiproponi li tabolixxi l-obbligu li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jittrażmettu data statistika lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' reati ta' kontrafazzjoni u dwar l-għadd ta' persuni mħarrka u kkundannati għal reati ta' kontrafazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/62/UE. Ir-rapporteur jista' jappoġġja din il-proposta, peress li din la se ddghajnej l-objettivi ta' politika tad-Direttiva 2014/62/UE u lanqas l-istampa ġenerali u l-komparabbiltà tad-data statistika użata għall-monitoraġġ tal-fenomenu tal-kontrafazzjoni. B'mod partikolari, l-iskambju f'waqtu ta' data sħiħa, aġġornata u komparabbi fil-livell nazzjonali u dak Ewropew huwa fis-seħħ permezz tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kontrafazzjoni, pjattaforma ddedikata tal-BĊE, fejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri jirreġistraw data dwar karti tal-flus u muniti foloz fuq bażi regolari, f'konformità mal-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi miżuri neċċesarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro. Din l-informazzjoni ċentralizzata hija disponibbli għall-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Europol. Hija kkomplementata minn rapporti pubbliċi u l-ġbir ta' informazzjoni kwalitattiva fi gruppi ta' esperti, u tippermetti lill-Kummissjoni jkollha stampa ġenerali tad-daqs u x-xejriet tal-fenomenu tal-kontrafazzjoni, timmonitorja s-sitwazzjoni u tivvaluta l-effettività tal-qafas leġiżlattiv ġenerali fis-seħħi tal-UE.

L-appoġġ tar-rapporteur għal din il-proposta huwa bbażat ukoll fuq il-fehim ċar li – kif enfasizzat il-Kummissjoni nnifisha – din il-proposta bl-ebda mod ma għandha twassal għal tnaqqis jew tħassir sistematiku tal-obbligi ta' rappurtar previsti fi strumenti oħra tal-liġi kriminali tal-UE.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rapporteur qed jipproponi li l-proposta tal-Kummissjoni tīgħi adottata mingħajr emendi.

Madankollu, ir-rapporteur jixtieq jenfasizza li hu – u l-Kumitat LIBE kollu kemm hu – se jkomplu jistiednu lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod effettiv it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri, u tieħu azzjoni fil-pront u adegwata fejn meħtieġ, inkluż billi tniedi proċeduri ta' ksur.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li irċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|-----------------------------|
| Commission |
| Council |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| Titolu | Emenda tad-Direttiva 2014/62/UE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar |
| Referenzi | COM(2023)0582 – C9-0382/2023 – 2023/0355(COD) |
| Data meta ġiet ippreżentata lill-PE | 17.10.2023 |
| Kumitat responsabbbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE 20.11.2023 |
| Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON 20.11.2023 |
| Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni | ECON 25.10.2023 |
| Rapporteurs Data tal-ħatra | Juan Fernando López Aguilar 24.10.2023 |
| Data tal-adozzjoni | 19.3.2024 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: 51 0 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Magdalena Adamowicz, Malik Azmani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Malin Björk, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Annika Bruna, Patricia Chagnon, Clare Daly, Anna Júlia Donáth, Lena Dupont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Emil Radev, Paulo Rangel, Isabel Santos, Birgit Sippel, Tineke Strik, Milan Uhrík, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, José Gusmão, Matjaž Nemeč, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Pablo Arias Echeverría, Gabriele Bischoff, Gilles Boyer, Carlos Coelho, Rosa D'Amato, Radan Kanev, Antonius Manders, Gabriel Mato, Henk Jan Ormel, Dennis Radtke, Antonio Maria Rinaldi |
| Data tat-tressiq | 25.3.2024 |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| | |
|-----------|--|
| 51 | + |
| ECR | Assita Kanko |
| ID | Annika Bruna, Susanna Ceccardi, Patricia Chagnon, Philippe Olivier, Antonio Maria Rinaldi |
| NI | Milan Uhrík |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Karolin Braunsberger-Reinhold, Carlos Coelho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Radan Kanev, Jeroen Lenaers, Antonius Manders, Lukas Mandl, Gabriel Mato, Henk Jan Ormel, Emil Radev, Dennis Radtke, Paulo Rangel, Javier Zarzalejos |
| Renew | Malik Azmani, Gilles Boyer, Anna Júlia Donáth, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen |
| S&D | Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Gabriele Bischoff, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva |
| The Left | Malin Björk, Clare Daly, Cornelia Ernst, José Gusmão |
| Verts/ALE | Patrick Breyer, Rosa D'Amato, Erik Marquardt, Tineke Strik |

| | |
|----------|---|
| 0 | - |
| | |

| | |
|----------|----------|
| 0 | 0 |
| | |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni